

# Ħal Kirkop

## ċkejken fid-daqs, kbir fl-Istorja
## sehem ir-Raħal fi żmien il-Qedem
## L-Iżvilupp tal-Parroċċa
## Raħal li twieled minn Bir Miftuħ

kitba ta' John Sarè

In-Nutar Giuseppe de Guevara, fit-23 ta' Marzu 1541, għamel kuntratt li fih jissemma ċertu Kirkop, li kien joqgħod f'*ta' corcop clausura in contrata tal hiseui.* Dan il-kuntratt hu rreġistrat fl-Arkivji Nazzjonali u jġib in-numru tar-reġistru R224/1 foglio 169v. Dan Kirkop kellu għalqa magħrufa b'ta' kirkop. Mhix ħaġa mpossibbli li isem Ħal Kirkop beda minn hawn.

Imma Ħal Kirkop, anki bla isem, kien ilu jagħti sehmu għaliex l-arkeoloġija turina li dan ir-raħal kien diġa abitat sa minn eluf ta' snin qabel. Ir-raħal hu kburi bil-fdalijiet Neolitiċi, Puniċi, Rumani u Paleo-Kristjani.

Ħal-Kirkop ma għandux għoljiet, hu pjuttost ċatt. Iżda hu sinjur f'riżorsi naturali, dik tal-ġebla tal-franka. Il-barrieri ta' Ħal Kirkop huma fost l-aħjar li jinsabu f'Malta. Ta' min jgħid li din ir-riżorsa naturali ta' minerali hekk importanti, kellha nfluwenza qawwija f'għażla tal-post għall-abitazzjoni, għal bidu u t-tisħiħ tar-raħal.

Fir-raħal għad hemm fdalijiet ta' ġebel kbir, li kien jifforma parti minn binja mdaqqsa, fejn l-abitanti bikrin ta' dawn l-inħawi kienu jagħtu qima lil allat. Illum l-istudju ta' l-arkeoloġija jagħtina tagħrif li l-imqades kienu dejjem ħdejn il-komunita u qatt imbegħda. Illum nafu li kull fejn kien hemm maqdes, kien hemm komunita, żgħira jew mdaqqsa. Din it-teorija hi b'saħħitha ħafna mill-fdalijiet li għandu Ħal Kirkop.

Madwar 2500 qk, l-abitanti magħrufa b'tat-Tempji sparixxew. Ma nafux x'ġara jew fejn marru. Żgur li n-nies li ġew wara kienu aktar nies teknoloġiċi minn ta' qabilhom. Dawn in-nies bdew jużaw għodod tal-bronż. Flok jidfnu taħt l-art jew fl-għerien, bdew jaħarqu lill-mejtin tagħhom.

Dawn in-nies bdew rit funerarju ġdid – il-ħruq ta' l-iġsma. L-irmied intefgħu f'buqar jew urna, kbira jew żgħira. Id-difna kienet issir billi jwaqqfu żewġ ġebliet u fuqhom ipoġġu waħda minduda. Taħt dan is-saqaf titpoġġa l-urna bl-rmied.

Dan it-tip ġdid ta' qabar jissejjaħ dolmen. Jidher li Ħal Kirkop ma kellux dan it-tip ta' oqbra.





Imma għalkemm ma hemmx dolmen, hemm il-menhir. Fit-tarf tar-raħal hemm ġebla kbira wieqfa li ma hi marbuta ma' mkien. Ma għandhiex strutturi oħra magħha. Il-Menhir ta' Ħal Kirkop hu isbaħ minn dak li kien hemm Ħal Far u li kien ġie misruq. Hu itwal minn dak ta' Għammar f'Għawdex.

F'dan ir-raħal ma' nsibu xejn mill-Fażi Borg in-Nadur jew mill-Fażi tal-Baħrija. Ma nstab xejn minn dawn iż-żewġ fażijiet tal-Preistorja. F'dawn iż-żminijiet in-nies kienet tgħix fl-għarajjex. Ir-raħal ma għandux dawk il-karatteristiċi meħtieġa, jiġifieri għoljiet u rdumijiet. Minnħabba f'hekk Ħal Kirkop ma rax dawn in-nies.

Il-Preistorja Maltija spiċċat fis-seklu 8qk, meta f'Malta ġew il-Feniċi u magħhom ġabu l-kitba. Il-Feniċi ġew mis-Sirja-Palestina, li llum hu l-Libanu; ġew minn Tiri u Sidum, li flimkien bdew jissejħu Kananej.

Aktar tard bdew ġejjin il-Feniċi mill-Libja. Il-Feniċi tħalltu man-nies lokali, u assimilaw ruħhom magħhom. Dawn in-nies kellhom kummerċ organizzat tajjeb ħafna fuq ir-rotot tal-Mediterran. Dawn indunaw li bil-fors kien hemm bżonn ta' xi ħadd fuq il-gżira. Malta kienet "trading post" għal Cadiz fi Spanja; għal Liksus fil-Marokk; għal Utika fit-Tuneżija; għal Nora f'Sardenja u għal Możja fi Sqallija. Aktar ma' għadda ż-żmien, aktar dawn in-nies iddakkru mill-kultura semitika tan-nies lokali.

Ħal Kirkop għandu sehem qawwi f'dan il-Perijodu magħruf bħala ż-Żmien Puniku. Instabu żewġ oqbra Puniċi, li kienu mħaffra fil-blat. Dawn inqerdu għal kollox.

Li kieku ma kienx għal Temi Zammit li ħa noti dwarhom, l-anqas qatt ma' konnu nkunu nafu bihom. Temi jgħid li kienu kmamar funerarji ta' ġisem wieħed; kellhom niċċa għal lampa jew l-imnara u kellhom trinka mħaffra fil-fond mad-dawra tal-marqad fejn fuqu kien jitpoġġa l-mejjet. Oqbra oħra żgur li nstabu waqt l-attivita' fil-barrieri. Naturalment kieku sid il-barriera tkellem x'sab, ix-xogħol kien jieqaf.

Fl-1963 waqt kien qed isir xogħol fi Sqaq Ħarruba, fuq biċċa art viċin il-kwartieri tal-militar Ingliż, instabu oqbra taħt l-art. Fil-ktieb "Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru" li l-editur tiegħu hu H C R Vella, hemm *schematic diagrams* imħażża minn Dr Nicholas Vella ta' l-Universita ta' Malta. Dawn l-oqbra ntesew għal 30 sena sħaħ.

Fl-1993 waqt il-bini tal-qasam tad-djar tal-Gvern f'Ħal Kirkop 2, reġgħu tfaċċaw. Illum dawn huma mimlija ilma maħmuġ, fihom skart u affarijiet oħra li jirrenduhom fi stat

tal-biki. Qabar minnhom hu mogħtti bi pjanċa taż-żingu li faċli titneħħa, kif għamilt jien biex ġbidt dawn ir-ritratti. Nispera li min hu responsabbli jimxi fuq l-eżempju taż-Żurrieq u jiġu mħarsa billi wara li jitnaddfu jiġu protetti biex fil-waqt li jitgawdew minn kull Malti, ma tibqax issir il-ħsara li qed issir illum.

Fl-1943, il-Militar Ingliż kien radam serje ta' oqbra minnħabba xogħol li kellu x'jaqsam ma' l-ajruport. L-istess ġara dan l-aħħar meta ttieħdet art biex inbena l-mitjar il-ġdid.

Fdalijiet bħal dawn huma xhieda li r-raħal kien abitat. Meta tara li Ħal Kirkop jinsab bejn Ħaġar Qim, l-Imnajdra u Ħal Tarxien, tasal għal-konklużżjoni li kien hawn komunita', jiġifieri raħal żgħir, li żgur l-abitanti kienu jtterrqu lejn xi wieħed minn dawn it-tlieta.

## L-iżvilupp tal-Parroċċa

Sa minn żmien imbiegħed dan ir-raħal kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Il-poplu beda jikber.

Kien l-Isqof Tumas Gargallo fi żmien l-Inkwiżitur Giovanni-Ludovico dell-Armi li fid-29 ta' Mejju 1592, fired lil Ħal Kirkop u għamlu parroċċa għalih waħdu. Dak iż-żmien kien hemm 50 dar li fihom kien hemm 320 ruħ. Fl-1646 kien hemm 88 dar u 373 persuna.

Fl-1760 insibu li r-raħal kellu biss 37 dar abitata li kienu jagħmlu 272 ruħ. Fl-1840 in-numru tad-djar tela' għal 50 u abitanti kien hemm 405. Alfie Guillaumier, Godfrey Wettinger u HCR Vella jgħidu li ma sabux raġuni għall-inżul u tlugħ tad-djar u popolazzjoni.

Fis-seklu 16 kien hemm żewġ knejjes ħdejn xulxin - dik ta' San Leonardu u dik ta' Santa Marija. Flok dawn iż-żewġ knejjes inbniet dik ta' San Leonardu. Għall-ewwel kellha artal maġġur u tnejn laterali.

Fl-1706, l-Isqof Davide Cocco Palmieri u l-Inkwiżitur Giacomo Caracciolo qablu li l-knisja kellha titkabbar, fil-waqt li fl-1860 tbiddlu ż-żewġ kampnari.



Il-knisja ġiet mbierka u kkonsagrata fl-10 ta' Novembru 1782, mill-Isqof Vincenzo Labini.

Bejn l-1798 u l-1938, Malta ma kellhiex inkwiżituri, delegati u nunzji apostoliċi. Fil-21 ta' Novembru 1938 intagħżel Mons William Godfrey, delegat apostoliku għal Londra u Malta.

F'nofs is-seklu 19, il-faċċata tal-knisja reġgħet tbiddlet xi ftit. Id-disinjatur kien Guże' Cristoforo. Il-bennej kien Nardu Ellul u x-xogħol sar min-nies ta' Ħal Kirkop.

Fl-1862 Mikielanġ Sapiano ħadem l-arloġġ ta' din il-knisja.

Mill-istorja nisiltu xi frak interessanti dwar id-daqq tal-qniepen. Fl-1735, il-parroċċa ħallset tari wieħed biex indaqqu l-qniepen fil-festa. Fl-1746 tħallsu 3 tari u 10 grani. Fis-sena 2000 tħallsu Lm30 biex indaqqu l-qniepen fil-festa ta' San Leonardu.

Fit-8 ta' Frar 1575, Mons Pietru Dusina għamel żjara lill-paroċċa ta' Ħal Kirkop. Bħal dejjem ħalla rapport iddettaljat ħafna. Jgħid li qalulu li kien jinsab f'Percopi. Sab li kien hemm tlett knejjes – dik ta' San Leonardu, li n-nies tar-raħal kienu jirreferu għaliha bħala l-Prinċipali. Kien hemm dik ta' Santa Marija u dik tal-Lunzjata.

F'nota separata, Dusina jgħid li dik ta' Santa Marija kellha kwadru tal-Madonna mpitter fuq l-injam. Ċertu Lorenzo Cassar kien ħalla somma flus u biċċa art biex bihom issir il-festa ta' Santa Marija. Kien hemm flus biżżejjed biex isir għasar kantat, quddiesa kantata u żejt għal-lampier biex jibqa' mixgħul tul il-jiem tal-festa. Din il-knisja kellha artali laterali li ma kienux f'kundizzjoni tajba u għalhekk kien ordna biex ma jsirx quddies fuqhom.

Dwar il-knisja ta' San Leonardu qal li kienet knisja fqira ħafna, bla piżijiet ta' quddies u bla renta. Din il-knisja kellha biċċa art marbuta magħha, iżda r-renta minn din l-art ma kienetx tmur għall-bżonnijiet tal-knisja, imma biex jiġu ċelebrati għasar u quddiesa mhux kantati.

Fattur stramb kien li din il-knisja kellha artal dedikat lit-Tlugħ ta' Marija fis-Sema, kien miżmum tajjeb ħafna u kien isir servizz liturġiku fuqu. Il-festa ta' l-Assunta kienet issir bl-għasar kantat u quddiesa wkoll kantata. Il-flus kienu ġejjin minn renta li kien ħalla Ġakbu Mangion.

Għall-festa ta' San Leonardu ma' kien ħaseb ħadd.

Kif rajna aktar qabel, dan ir-raħal nqata' għalih waħdu biex sar parroċċa. Meta sar parroċċa l-Isqof Gargallo kien għaqqad lil Ħal Safi u l-Imqabba miegħu, bid-digriet tad-29 ta' Mejju 1592. Qam l-inkwiet f'Ħal Safi u fl-Imqabba għax dawn ukoll riedu jinqatgħu għalihom weħidhom. Bi protesta s-Safjin u l-Imqabbin ma niżlux Ħal Kirkop għall-ħtiġijiet spiritwali tagħhom.

Sakemm ir-raħal kellu l-knisja parrokkjali tiegħu, s-servizz reliġjuż kien isir minn San Ġakbu. L-Isqof qatt ma' seta' jaċċetta sitwazzjoni bħal din għalhekk fl-1593 ħareġ digriet fejn ordna li s-servizzi reliġjużi kollha kellhom jingħataw mill-Knisja ta' Bir Miftuħ. Għalhekk din ta' Bir Miftuħ sabet ruħha b'żewġ kappillani. Il-kappillan ta' Bir Miftuħ kellu jieħu ħsieb ukoll il-Gudja, Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Il-kappillan ta' Ħal Kirkop żdidulu Ħal Safi u l-Imqabba.

Il-Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Karlu Taljana ma riedx jaċċetta din is-sitwazzjoni. Fil-5 ta' Jannar 1596, Ħal Kirkop kellu l-ewwel funeral tas-sena. Dun Karlu tela' Ħal Kirkop, mexxa l-funeral mill-knisja ta' San Leonardu u difen lil Bernardu Hellun fil-knisja. Dan l-aġir ta spinta qawwija lit-tlett irħula biex jitħabtu għall-indipendenza tagħhom.

Kif rajna, l-knisja nbniet billi twaqqgħu l-knejjes iż-żgħar u flokhom nbniet dik ta' San Leonardu. Fl-1615 Ħal Kirkop kellu aktar knejjes u dawn kienu tal-Lunzjata, ta' l-Assunta, ta' San Ġakbu l-Kbir u dik ta' San Nikola. Sa l-1680 ir-raħal kien għadu żgħir u fqir ħafna.

Hekk kien irraporta l-Isqof Molina wara l-viżta pastorali ta' dik is-sena. L-istorja tal-knisja ta' Ħal Kirkop nafuha mill-viżti pastorali ta' l-isqfijiet.

Hekk nafu lil-Isqof Alpheran de Busan jgħid li fl-1683 kienu ġew dekonsagrati l-knisja ta' San Ġakbu, ta' Santa Anastasia, ta' San Nikola, ta' San Ġwann u ta' Santa

Marija li għal xi żmien kienet magħrufa bħala Ta' Pinu. Fi żmien Alpheran il-knisja kellha dawn l-artali: tal-Madonna tar-Rużarju; ta' Gesu' Kurċifiss; ta' Sant'Anastasja; tal-Madonna tal-Grazzja; ta' San Ġakbu u ta' Santa Marija.

## Il-Knisja



Il-knisja għaddiet minn ħafna fażijiet ta' tibdil fil-bini. Fuq il-faċċata hemm id-data ta' meta tkabbret – 1706. Għal żmien twil ħafna l-knisja kienet għadha b'korsija waħda. Kienet is-sena 1878 li nbnew il-kappelluni u l-knisja ħadet id-dehra li għandha llum.

Mall-faċċata tal-knisja hemm żewġ statwi tal-ġebel, waħda hi ta' San Leonardu, qaddis patrun tal-parroċċa u l-oħra ta' Santu Rokku, qaddis patrun ta' min kien jintlaqat mill-marda tal-pesta.



Il-kwadru titulari juri lil San Leonardu, patrun ta' l-ilsiera nsara. L-anġlu għandu mitra f'idejh li turi li kien abbati ta' monasteru li f'Malta qatt ma' kellna minn dawn il-patrijiet. L-ewwel kwadru ta' din il-knisja kien impitter fuq l-injam. Dan tallum hu fuq it-tila. Hi pittura ta' l-1751. Ħasra li ma nafux min hu l-artist.

L-istatwa ta' San Leonardu hi verament ta' żmienna. Tlestiet fl-1949, hi ta' l-injam u nħadmet f'Ortisei, viċin ħafna ta' Bolzano. Liebes ta' abbati taċ-Ċisterċensi. La għandu l-baklu f'idejh, juri li kien is-superjur tal-monasteru. Il-ktieb f'idu x-xellugija jfisser ir-regola monastika.

Il-knisja għanda Korp Sant ta' San Benedittu, martri. Dan kien mogħti rigal lill-knisja mill-Papa Piju VI. Kien jinżamm fil-knisja ta' San Nikola u ġie ttrasferit lejn il-parroċċa fl-24 ta' Lulju 1791.

Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Bon Kunsill hu xogħol Stefano Erardi. Fil-viżta pastorali ta' Monsinjur Carmine Pellerano, hemm miktub li kien sotto kwadru fuq l-artal ta' San Ġakbu.

Dan il-ventartal, li nħadem fl-1949 fuq disinn ta' Antonio Sciortino, hu tal-fidda li nħadem kollu kemm hu f'Malta. Nistgħu nsejħulu trittiku. Fin-nofs hemm San Leonardu bħala ħellies ta' l-siera. Fil-ġnub hemm San Remiġju u s-Sultan Clodoveo.

Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju hu wieħed mill-eqdem li għandna f'Malta. Tpitter fl-1596. Il-figura tal-Madonna hi mdawwra minn15-il posta tar-rużarju. L-artal din is-sena jagħlaq 406 snin.

Il-kwadru tal-Madonna tal-Pilar hu qadim ukoll. Alpheran de Busan jgħid li tpitter fl-1647. Il-pittura hi attribwita lil Stefano Erardi. Dan ġej mill-fatt li jixbaħ ħafna lit-teknika ta' Erardi u fin-nofs tan-naħa t'isfel hemm l-arma ta' l-Isqof Cocco Palmieri.

Il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja hu ta' Gannikol Buhagiar, xogħol ta' l-1708. Hu kwadru ffullat ħafna, imma hu ordnat għall-aħħar. Il-figura maskili hi ta' San Franġisk de Paola.

Il-knisja tgawdi minn minn xogħol ta' pittura mill-aqwa ta' Ġużeppi Briffa. Pitter il-koppla bil-lunetti, is-saqaf tal-korsija u s-saqaf tal-kor. Fil-koppla nsibu il-virtujiet: ħniena, safa' mogħdrija, faqar, tjubija, niket u tiġrib. Briffa dejjem poġġa lil Kristu bħala ċ-ċentru fil-pittura tiegħu. B'hekk ħoloq ispirazzjoni għall-ġrajja nisranija. Il-pendenti tal-koppla juru l-erba' evanġelisti.

Il-parroċċa ta' Ħal Kirkop għandha knisja li hi filjali u l-unika waħda li baqa' mill-knejjes kollha li jsemmi Dusina. Din hi il-Knisja ta' Marija Annunzjata. Il-kwadru titulari hu wieħed artistiku tajjeb ħafna. Juri lill-Anġlu Gabriel iwassal l-messaġġ t'Alla lil Marija. F'dan il-kwadru jolqtuk l-uċuh ta' Marija u ta' l-Anġlu li juru qdusija. Is-Santu jidher fost sħab mifrud, li r-raġġi tiegħu qed jgħattu lil Marija. Minn wara s-sħab hemm tlett anġli li qed iħarsu l-isfel qishom qed jistennew it-tweġiba.

F'din il-knisja nsibu l-kwadru ta' Gesu Kurċifiss li fih 6 figuri. Hemm Kristu Msallab, il-Madonna, Marija Madalena, San Ġwann u anġlu fuq kull pala ta' l-id. L-arti medjevali f'Malta ma tmurx lura aktar mill-1300. Għall-bidu l-pittura kienet tixbaħ lill-pittura li kienet instabet fil-katakombi jew f'affreski fil-knejjes medjevali. Tixbaħ ħafna lil dik Siciliana tal-Lvant. L-uċuh u l-għajnejn fl-arti medjevali huma mġebbda qishom lewża.

B'dan it-tagħrif tajna ħarsa lejn l-aktar punti ta' nteress mhux biss għall-parruċċani ta' Ħal Kirkop imma li huma wkoll ta' nteress nazzjonali. Nispera li sibtuhom ta' interess.

(Preżentazzjoni minn Din L-Art Ħelwa.)

## Ħajr lil


**Aquilina George/Fiorini Stanley**: Documentary Sources of Maltese History, MUP, 2001

**Bezzina Joseph**: L-Istorja tal-Knisja f'Malta, PIN, 2002

**Bonanno Anthony**: Malta, Phoenician, Punic and Roman, Midsea Books, 2005

**Bonnici Alexander**: Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom, PIN, 1993

**Bonnici Alexander/Grech Joseph**: Il-Kwadri Titulari ta' Malta u Għawdex, PEG, 2000

**Goggi Jos**: Qniepen f'Malta u Għawdex u f'Pajjiżi Oħra, BDL, 2003

**Guillaumier Alfie**: Bliet u Rħula Maltin, Valletta Publishing, 1987

**Rodriguez Antonio Espinosa**: The Paintings at the Cathedral Museum, Mdina, Progress Press, 2005

**Sagona Claudia**: The Archaeology of Punic Malta, Peeters, 2002

**Terribile Tony**: Teżori fil-Knejjes Maltin, PIN, 2004

**Vella H C R**: Ħal Kirkop u l-Inħawi ta' Madwaru, MUP, 2000

**Wettinger Godfrey**: Place-names of the Maltese Islands ca. 1300-1800, PEG, 2000